# I L - M A L T I

QARI LI TOHROĠ — ĠUNJU
L-AKKADEMJA TAL-MALTI — 1967

# SPIRTU EKUMENIKU

*Meta l-Qdusija Tiegħu l-Papa Ġwanni XXIII fl-1962 sejjaħ l-Insara kollha għall-Konċilju Ekumeniku u ta bidu għal dik il-laqgħa tal-Mexxejja tal-Knisja, hu wettaq ġrajja li xegħlet id-dehen u qanqlet il-qlub tan-nies tad-dinja kollha. Din il-ġrajja kienet waħda mill-aktar li kellhom effett fuq l-umanità għax tolqot il-popli kollha, Kattoliċi u mhumiex, tnissel fihom ġibda biex jersqu lejn xulxin u jifhmu aktar lil xulxin.*

*L-iskop ewlieni tal-Konċilju kien il-għaqda ta' dawk kollha li jimxu wara Kristu u jixtiequ jseddqu bit-tagħlim Tiegħu. Il-Konċilju ma ltaqax biex aħna l-Kattoliċi nxandru ma' l-erbat irjieħ tad-dinja kemm aħna nies sewwa, li ma hawnx aħjar minna, li ħadd ma jegħlibna għat-tjubija u għall-qdusija u li għalhekk l-oħrajn għandhom jagħmlu bħalna u joqogħdu għalli ngħidulhom aħna.*

*Mhux din kienet il-fehma tal-Papa Ġwanni u tal-Papa Pawlu li laħaq warajh. Dawn iż-żewġ Kapijiet tal-Knisja tagħna mhux darba jew tnejn qalu li l-ħsieb tal-Konċilju kien li jressaq lejn xulxin ir-Reliġjonijiet Insara u jlaqqgħuhom ħalli jitkellmu flimkien u jaqbdu djalogu li fih kulħadd ifisser il-fehma, ix-xewqa u r-rieda tiegħu. Dawn id-djalogi ma kenux bi skop li kulħadd iħaqqaq it-tagħlim tal-Fidi tiegħu, imma bi skop li wieħed jintebaħ u jara t-tajjeb li hemm fil-Fidi ta' ħaddieħor, għax f'kull Reliġjon għandu wieħed isib xi ħaġa tajba u ta' fejda għalkemm is-sewwa hu fir-Reliġjon Kattolika.*

*Din kienet xejra ġdida, xejra ta' ħbiberija, ta' mogħdrija, ta' ħniena; tliet sentimenti li jressqu l-bnedmin lejn xulxin u jnisslu paċi u ftehim. F'dan il-Konċilju nfetħet folja ġdida fl-istorja tal-Knisja, folja bajda u safja biex fiha tinkiteb l-aħbar imqaddsa li xandru wara studju profond, il-Kapijiet tal-Knisja mnebbħin mill-Ispirtu s-Santu.*

*Dik l-aħbar ġriet minn ġens għal ieħor, issemmiet fil-Parlamenti, daħlet fid-djar, messet il-qlub, xegħlet l-imħuħ u nisslet xewqa għal ftehim u tama fiż-żmien li ġej; imma fuq kollox ġiegħlet lin-nies tad-dinja jaħsbu u jikkontemplaw fuq il-ħajja spiritwali u ma ħallithomx medhijin biss fuq il-ħajja materjali.*

*Hekk tnissel l-ispirtu ekumeniku fost il-ġeneru uman; u l-għaqda tal-knejjes ġibdet magħha xewqa għal rabta fost il-ġnus. Dawn il-qawmiet spiritwali u materjali nħassu mhux biss fost il-ġnus, iżda wkoll*

*fost kull wieħed jew waħda li huma għajjenin mit-tweġħir tal-ħajja tal-lum, li xebgħu mill-qerq, mill-għira u mill-qilla li qegħdin jaħkmu fuq l-imġiba tal-kotra, u għalhekk dawn in-nies ħassew li għandhom jinqdew b'din it-tqanqila meraviljuża biex jagħtu lill-ħajja xejra ġdida u lid-dinja sura ħanina.*

*Mela dan hu l-ħin li jistedinna biex infarfru l-bruda minn fuqna, u dan hu l-waqt li fih għandna mmiddu idejna lejn xulxin b'sinjal ta' ħbiberija; imma għandna nagħmlu hekk mhux biss ma' dawk li huma magħna u jaħsbu bħalna, iżda wkoll ma' dawk li huma mifrudin minna u l-ħaġa ma jifhmuhiex bħalna.*

*Din ix-xejra ta' paċi u fiduċja tgħodd għal kull ġens ta' poplu u għal kull klassi ta' nies, tgħodd għalina tal-Akkademja u għall-għaqdiet u xirkiet oħra. S'issa b'xorti ħażina, ħafna ma fehmuniex u għandna mnejn aħna anqas għarafna x'kien sewwa l-ħsieb tagħhom; huma għandhom it-tajjeb tagħhom bħalma aħna għandna t-tajjeb tagħna u din it-tjubija tat-tnejn imissha sservi ta' kalamita biex tiġbidna lejn xulxin. Mela nħallu t-tgemgim, nieqfu mit-tmaqdir, nagħarfu lilna nfusna, nemmnu fil-ġid u s-sewwa li għalihom qegħdin inħabirku aħna u l-oħrajn bħalna, u hekk nixxierku flimkien u nimxu 'l quddiem bil-qawwa u bil-għaqal, lejn l-ideal komuni; ir-riżq u l-barka ta' Malta u l-ilsien tagħha.*